MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 26/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Themistocles sive Temi Attard**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Themistocles maghrug bhala Temi Attard talli fit-18 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-11.00 am gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann (**1**) ghamilha ta' "fixed hawker" b'vettura numru CBA-238 waqt li kien fil-parametri ta' anqas minn hamsin metru mill-eqreb fond kummercjali, u aktar (**2**) talli naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat l-azzjoni fir-rigward tar-reati ipotizzati fiz-zewg imputazzjonijiet

preskritta skond il-paragrafu (f) ta’ l-Artikolu 688 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-proceduri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fid-19 ta’ Frar, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2003; ikkunsidrat:

Il-fatti relevanti ghall dana l-appell huma, brevement, is-segwenti: ir-reati li bihom Attard jinsab akkuzat – it-tnejn li huma ta’ natura kontravvenzjonali – allegatament sehhew fit-18 ta’ Gunju, 2002. Ic-citazzjoni harget fil-25 ta’ Gunju, 2002, u Attard gie msejjah jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta’ Settembru, 2002. F’din id-data, pero`, huwa ma deherx u giet ezibita riferta li kienet tghid li c-citazzjoni kienet thalliet fis-6 ta’ Awissu, 2002 f’idejn certa “Margaret” fl-indirizz 13, Flat 3, Midas, Triq l-Izbark tat-Torok, B’Bugia (li huwa l-istess indirizz muri wkoll fuq il-komparixxi). Il-Qorti Inferjuri ordnat il-hrug ta’ mandat kontra Attard u ddifferiet il-kawza ghat-22 ta’ Ottubru, 2002. Fit-22 ta’ Ottubru, 2002 l-appellat deher u eccepixxa l-preskrizzjoni fis-sens li qal li ma kienx gie notifikat entro t-tlett xhur bic-citazzjoni. Ghall-udjenzi ta’ wara t-22 ta’ Ottubru, 2002 (cioe` dawk tat-3 ta’ Dicembru, 2002, u 4 ta’ Frar, 2003) huwa attenda regolarment. Il-kwistjoni qamet ghax l-akkuzat xehed quddiem l-ewwel qorti li “Margaret” (li in segwitu irrizulta li kunjomha Apap – ara d-deposizzjoni quddiem din il-Qorti ta’ P.C. 997 Joseph Busuttil) ma kienitx il-mara tieghu izda t-tfajla tieghu, u li hi ma kienitx “tghix mieghu”.

Ghandu jigi precizat li fl-istadju ta’ appell l-appellat Attard ma xehedx. F’dana l-istadju xehed biss il-kuntistabbli aktar ‘l fuq imsemmi. Mid-deposizzjoni ta’ dana l-kuntistabbli jirrizulta bla dubbju ta’ xejn li l-indirizz 13, Flat 3, Midas, Triq l-Izbark tat-Torok, B’Bugia huwa l-indirizz fejn l-appellat soltu joqghod (Art. 362(1), Kap. 9), fis-sens li hemmhekk ikun jista’ jinstab regolarment. Dan hu konfermat ukoll mir-riferti riferibbilment ghall-udjenzi tat-22

ta' Ottubru, 2002 u 3 ta' Dicembru, 2002 li jindikaw li l-avvizi nghataw lil Attard personalment f'dak l-indirizz [1]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li Margaret Apap ma kientx tghix f'dak l-indirizz huwa irrelevanti ghall-finijiet tan-notifika u tal-konsegwenti sospensjoni tal-preskrizzjoni. L-Artikolu 362(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li c-citazzjoni tista' wkoll tithalla – meta l-persuna li lilha c-citazzjoni tkun indirizzata ma tkunx tista' tinsab facilment – "fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod". Ma hemmx dubbju li Margaret Apap, bhala persuna adulta u bhala t-tfajla ta' l-appellat u ghalhekk persuna li kienet fil-fond imsemmi mhux b'kumbinazzjoni, kienet persuna li setghet tigi notifikata bic-citazzjoni (Art. 362(4)). Hu hi effettivament kienet accettat ic-citazzjoni. Dan il-fatt kien ghalhekk bizzejjed biex in-notifika lil Attard tkun saret validament ghall-finijiet kollha tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni. Jekk, imbaghad, Apap verament naqset milli ggib dik ic-citazzjoni a konjizzjoni ta' Attard, dan kien ikun biss fatt li, se mai, jiskuza lil Attard ghan-nuqqas ta' deher tieghu fit-3 ta' Settembru, 2002, izda ma kienx jintitolah jeccepixxi l-preskrizzjoni galadarba l-pulizija kienet osservat wahda miz-zewg modalitajiet tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 362. Ghalhekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghandu jitqies li l-appellat Attard kien gie validament notifikat bic-citazzjoni *de quo* fis-6 ta' Awissu, 2002.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tiddikjara li l-appellat kien gie validament notifikat bic-citazzjoni entro t-terminu stabbilit mill-ligi, tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati, a kura tar-Registratur, lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza kontra Themistocles sive Temi Attard u tipprocedi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] L-istess jista' jinghad ghall-avviz ta' l-appuntament ta' l-appell, notifikat lil Attard personalment fl-indirizz imsemmi.